

# L-isfruttar sesswali tat-tfal onlajn:

# Pariri biex tipproteġi tfal bejn l-4 u s-7 snin

## Qatta' ammont sostanzjali ta' ħin ma' uliedek

Tfal żgħar m'għandhomx jiddependu fuq l-iskrins biex jilagħbu. Evita l-iskrins u pproponi logħob, ġugarelli u attivitajiet li jqajmu s-sensi kollha tagħhom. Qatt tagħtihom l-iskrins biex iżżommhom kwieti! Jekk iddeċidejt li jagħmlu użu mill-iskrins, stabbilixxi regoli bażiċi u qatt tħalli lit-tfal tiegħek waħedhom m'apparat imqabbad. L-aħjar mod biex tintervjeni mill-bidu huwa li tilgħab ma' wliedek onlajn ħalli taqsam il-valuri u l-aspettattivi tiegħek magħhom. Għid lil sħabek bir-regoli li stabbilixxejt. Huwa dejjem aħjar meta l-ġenituri ta' sħab uliedek jaqblu fuq ċertu regoli.

## Kun ta' Eżempju

Illimita ħinek fuq l-iskrin meta t-tfal ikunu madwarek. Għożż il-privatezza ta' wliedek u staqsi għall-permess tagħhom qabel tieħu jew taqsam ritratt tagħhom ma' ħaddieħor. Itlob lill-iskola u oħrajn iġibu l-permess qabel ma jieħdu u jaqsmu r-ritratti ta' wliedek ma' oħrajn.

Iċċekkja s-settings tal-privatezza tiegħek fuq l-apps u l-midja soċjali onlajn biex tipproteġi r-ritratti tiegħek u ftakar li l-ġbid tar-ritratti ta' uliedek mingħajr ħwejjeġ dejjem jinvolvi xi riskju. Tinsiex taġġorna kull app u apparat tiegħek u mbagħad erġa' ċċekkja s-settings tal-privatezza tiegħek. Żomm il-kameras tal-iskrins mgħottija meta dawn mhumiex qed jintużaw. U uża l-internet biex tfittex iktar pariri dwar trobbija b'mezzi diġitali!

## Kellem lit-tfal tiegħek u kun ċert li huma jistgħu jkellmuk

Spjega lit-tfal taħt it-tmien snin li huma għadhom żgħar wisq biex jużaw l-iskrins waħedhom, u li dawn jistgħu jkunu ta' periklu għalihom. Stabbilixxi regoli ċari, inkluż dik li dejjem jistaqsu qabel ma jużaw l-iskrin.

Ibni l-fiduċja ma' wliedek ħalli jiġu għandek jekk ikollhom bżonn l-għajnuna. Jekk jgħidulek li kisru r-regoli jew li xi ħadd għamel xi ħaġa lilhom, żomm kalm/a u wennishom. Jekk uliedek jemmnu li int se tkun inkwetat/a ħafna, imbarazzat/a jew imdejjaq/imdejqa, hemm inqas ċans li se jaqsmu t-tħassib tagħhom miegħek. It-tfal tiegħek għandhom dejjem iħossuhom sikuri biex isaffru s-suffara ħalli jsejħulek.

Dan il-ktejjeb ġie stampat bl-għajnuna tal-BeSmartOnline! li huwa ko-finanzjat mill-Facilità Nikkollegaw l-Ewropa tal-Unjoni Ewropea

## Spjega l-Valur tal-Privatezza

**Għid lil uliedek li ġisimhom u d-dehra tagħhom jappartjenu lilhom. Huma għandhom id-dritt li jirrifjutaw bews, mess, u teħid ta' ritratti. Qatt tobbliga tifel jew tifla biex jaċċettaw li jeħdulhom ritratt. Għidilhom biex qatt ma jieħdu ritratti tal-partijiet privati tagħhom u biex qatt ma jħallu lill-oħrajn jagħmlulhom hekk. Kun ċert/a li jirrispettaw ukoll il-privatezza tal-oħrajn.**

## Għidilhom li l-iskrins jistgħu jisirqu r-ritratti

**Għid lil uliedek li meta l-iskrins jieħdu r-ritratti, dawn jistgħu jintbagħtu kullimkien u jarawhom ħafna, ħafna nies, saħansitra nies li ma jafux bihom.**

**Hemm nies li jaġixxu bħall-Ħafnajien fl-istorja: jisirqu r-ritratti tat-tfal u dawn jistgħu jkunu kattivi ħafna. Spjega għaliex tgħatti l-kameras tal-iskrins tiegħek.**

**Għalhekk ikun aħjar jekk isaqsuk għall-permess qabel ma jħallu lil xi ħadd biex jeħdilhom ritratt. Int tista' tgħin lit-tifel jew lit-tifla billi jagħmlu lista ta' nies li jistgħu jħalluhom jieħdu ritratti tagħhom. Ħu din l-opportunità biex tinsisti li: ħadd m'għandu permess li jieħu ritratt tagħhom għarwenin jew li jaċċettaw li juruhom l-partijiet privati tagħhom.**



## Fittex iktar informazzjoni!

**Il-kapaċità tat-tfal tevolvi u l-bżonnijiet u l-kompetenzi tagħhom jinbidlu skont il-maturità u l-personalità tagħhom. Parametri oħra (bħal vulnerabiltajiet, diżabilitajiet jew taqlib f'ħajjithom) jistgħu jkollhom impatt importanti fuq ir-reżiljenza tal-wild, għal kull ħsara li tista' sseħħ u l-kapaċità tagħhom li jifhmu u jevitaw kull riskju. Għal aktar informazzjoni addatta skont l-età, żuru www.bso.org.mt. Tistà wkoll tirraporta abbuż fuq www.childwebalert.gov.mt jew billi ċċempel 179.**

**Fil-Kunsill tal-Ewropa, aħna naħdmu ma' gvernijiet, organizzazzjonijiet u kumpaniji biex inżidu l-benefiċċji tat-Teknoloġija u Komunikazzjoni Informatika għat-tfal u nnaqqsu r-riskji tagħhom waqt li nagħtuhom is-setgħa u nżommuhom sikuri.**



## Għal tfal u adolexxenti

The Underwear Rule – Kiko and the Hand

Video and brochure of "Tell Someone You Trust"

Video and booklet of "So This Is Sexual Abuse?"

Leaflet "Learn about your rights in the digital environment"

## Għall-Adulti

"Parenting in the digital age-Positive parenting strategies for different scenarios"

Gwida tal-ġenituri għall-protezzjoni onlajn tat-tfal minn sfruttament u abbuż sesswali- "Parenting in the Digital Age"

"Protecting children online: 6 short videos by Elizabeth Milovidov"

"Two Clicks Forward and One Click Back: report on children with disabilities in the digital environment"

ìThe Internet Literacy Handbookî